Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10578 — CVC / EKATERRA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 170/06)

1. Fit-12 ta' April 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li tinvolvi l-akkwist tal-kontroll uniku ta' ekaterra B.V. ("ekaterra") minn CVC Capital Partners SICAV-FIS S.A. ("CVC") skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CVC (il-Lussemburgu),

— ekaterra (in-Netherlands).

CVC takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħedha tat-totalità ta' ekaterra. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal CVC: CVC timmaniġġja fondi u pjattaformi ta' investiment, Waħda mill-kumpaniji tal-portafoll tal-fondi CVC, Zabka Polska S.A., hija attiva fil-bejgħ bl-imnut tal-merċa fil-Polonja;

— għal ekaterra: ekaterra u s-sussidjarji tagħha għandhom negozju tat-te, li jikkonsisti fil-kultivazzjoni, l-ipproċessar u l-provvista tal-weraq tat-te, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-manifattura, il-produzzjoni, l-ippakkjar, l-ippakkettar, il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-te madwar id-dinja (minbarra l-interessi ta' Unilever fl-impriżi konġunti PepsiLipton ma' Pepsico fir-rigward tat-te lest biex jinxtorob ("RTD")).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10578 — CVC / EKATERRA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz Elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").